MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 192/2008

**Dottor John Cremona bhala mandatarju specjali ta' Ahmed Sassi Belhoul**
**vs**

**Frank Cachia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dottor John Cremona bhala mandatarju specjali ta' Ahmed Sassi Belhoul fejn dan ppremetta illi:

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Jannar, 2001, fl-ismijiet Dottor Ivan bhala mandatarju specjali ta' Ahmed Sassi Belhoul vs Frank Cachia, (cit nru 2129/00 GV) l-esponenti kien gie kanonizzat kreditur ta' l-imsemmi Frank Cachia fis-somma ta' US$250,000 ekwivalenti skond il-valur tal-kambju fid-29 ta' Settembru, 2000, ghal Eur 263,479 (Lm113,111.93), piu` interessi legali u spejjez gudizzarji.

Minkejja illli ghaddew aktar minn 5 snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija, l-attur baqa' ma thallasx is-somma lilu dovuta.

Talab lil din il-Qorti joghogobha:

Tawtorizzah illi jipprocedi sabiex jezewixxi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Jannar, 2001, nonostante illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta' l-imsemmija sentenza.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li ghalkemm debitament notifikat l-intimat Frank Cachia ghazel li ma jirrispondix ghar-rikors u lanqas deher fil-gurnata li fiha kien iffissat ghas-smiegh.

Rat l-affidavit tal-imsemmi Ahmed Sassi Belhoul fejn dan ikkonferma li l-intimat Cachia ghadu debitur tieghu fl-ammont imsemmi.

Fic-cirkostanzi tilqa' t-talba u tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 10 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Dottor Ivan Gatt bhala mandatarju specjali ta' Ahmed Sassi Belhoul vs. Frank Cachia (Nru 2129/00 G.V).

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-istess Frank Cachia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------